**Kumpilazzjoni numru: 953/2008**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 20 ta' Frar, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs.**

**Grace Gatt u**
**Lourdes Castillo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Grace Gatt, ta' 39 sena, bint Paul Joseph Bartolo u Rita nee' Mifsud, imwielda Victoria (Ghawdex), nhar il-25 ta' Settembru, 1968 u li toqghod 162, Triq Leli Falzon, Naxxar, detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 34568(G)

Kif ukoll lil Lourdes Castillo, ta' 25 sena, bint Paul u Rita nee' Cutajar, imwielda Pieta' nhar l-10 ta' Novembru, 1982, u li toqghod Victoria Flats, Flat 7, Triq Luqa Briffa, Naxxar, detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 656482(M)

Akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Jannar, 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, hadmu bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjani privati jew hekk offrew is-servizz taghhom, minghajr licenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Provati u Lokali;

2. U lil Grace Gatt wahedha talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta' Jannar, 2007 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda impjegat, haddmet jew ippermettiet l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati, kemm-il darba dawk is-servizzi ma inghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skond il-kaz, li ghandhom licenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Provati u Lokali;

3. Kif ukoll talli, fil-Hamrun, nhar il-15 ta' Ottubru, 2006, ghal habta ta' l-10:00 ta' filghodu, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arrestat, zammet jew issekwestrat lil xi persuna u cioe' Laura Grech mill-Hamrun, kontra l-volonta taghha, jew tat il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi okkazjonijiet matul il-perjodu ta' bejn is-27 ta' Mejju, 2007 u is-snin ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetiet serq ta' oggetti u cioe' oggetti ta' l-ikel minn l-Isptar San Luqa, liema serq sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra b'identita sa issa mhux maghrufa.

5. U finalment qeghda tigi akkuzata talli nhar is-27 ta' Mejju, 2007 u matul is-snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer saret hatja ta' reat li hija kellha tissorvelja biex dan ma jsirx jew li minhabba il-kariga taghha kellha id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna li l-imsemmiija Grace Gatt, kif ukoll Lourdes Castillo, jigu skwalifikati minn

kull licenza li tinhareg taht l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-23 ta' Ottubru 2006, Laura Grech irrapportat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li persuna bl-isem ta' Grace kienet qieghda issegwiha u allegat ukoll li kien hemm okkazzjoni wahda fejn din Grace zammitha kontra l-volonta taghha, u qaltilha li kienet investigatur privat, imqabbda bex tqisilha l-passi taghha.

2. Laura Grech spjegat li minhabba disgwid mal-genituri taghha, meta ghalqet l-eta ta' tmintax-il sena telqet mid-dar tal-genituri taghha, u marret tghix ghal rasha.

3. Wara ftit xhur persuna bl-isem Lourdes talbitha biex taghti lezzjonijiet privati tal-matematika lil ohtha z-zghira. Laura accettat, izda din it-tifla marret ghal lezzjoni wahda. Xi jumejn wara ikkontattjatha persuna bl-isem ta' Grace li staqsietha biex taghti lezzjonijiet tal-privat lit-tifla taghha fid-dar taghha stess, u Laura accettat.

4. It-tieni darba li Laura iltaqghet ma' Grace biex din tehodha bil-karozza d-dar taghha biex taghti l-lezzjoni lit-tifla, Grace sakkret il-karozza bic-central lock u qaltilha li

kienet se tehodha ghand ommha u missierha. Minkejja li Laura oggezzjonat, Grace baqghet issuq u haditha fejn lukanda c-Cirkewwa fejn iltaqghet mal-genituri taghha.

5. Il-genituri ta' Laura ammettew li kienu qabbdu lil Grace biex tfittixha, peress li ma kienux jafu fejn qed tghix, u tehodha ghandhom. Wara dik il-laqgha mal-genituri taghhom, Laura regghet marret tghix ghal rasha.

6. Fit-2 ta' Jannar 2007, Spiridione D'Amato irraporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li kien qieghed jigi segwit minn ragel u johodlu r-ritratti. Fit-12 ta' Jannar 2007, D'Amato rega' ghamel l-istess rapport u meta marru fuq il-post il-Pulizija sabu lil certu Costantino Pawney li allegatament kien qed jigbed filmat lil D'Amato.

7. Pawney qal lill-Pulizija li hu kien gie avvicinat minn Jonathan Mulligan biex jassistih fuq xoghol ta' investigatur privat u accetta. Huwa qal li Mullighan kien jahdem ghal persuna bl-isem Grace Gatt, l-imputata, u spjega li Mullighan laqqghu maghha u li hi ghamlitlu speci ta' *interview*, u qaltlu biex jiehu l-istruzzjonijiet minghand Mulligan.

8. Ghalhekk Mulligan kien ta lil Pawney ritratt ta' D'Amato kif ukoll video camera, u qallu biex jigbor kemm jista' dettalji dwar din il-persuna.

9. Minn aktar investigazzjonijiet irrizulta li Charlot Tabone kellu problema familjari u ghal habta ta' Dicembru 2006, kien talab is-servizzi tal-imputata Grace Gatt bhala investigatur privat.

10. Inoltre, mill-investigazzjoni tal-Pulizija irrizulta li Gerald Quintano kien ukoll talab is-servizzi ta' Grace Gatt bhala investigatur privat biex issegwi l-passi ta' Spiridione D'Amato, li jigi r-ragel ta' ohtu, ghaliex beda jissuspetta li kellu relazzjoni extra-matrimonjali. Quintano qal li hu sar jaf bi Grace Gatt mir-riklami li kien jara taghha.

In vista ta' dawn l-allegazzjonijiet, ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni kontra z-zewg imputati.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel din il-Qorti tista' tikkunsidra u tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, hija trid bil-fors tiddeciedi zewg kwistjonijiet preliminari. L-ewwel wahda hija l-eccezzjoni tan-*ne bis in edem* sollevata mid-difiza, u t-tieni, jekk ikun il-kaz, hija dwar l-ammissibilita tal-istqarrijiet tal-imputati, kwistjoni sollevata wkoll mid-difiza.

*L-Ewwel Kwistjoni – L-Eccezzjoni tan-Ne bis in Edem*

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2016, l-imputata Grace Gatt issollevat l-eccezzjoni tan-ne bis in edem, u esebiet sentenza moghtija fit-12 ta' Novembru 2010 moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Grace Gatt et**. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li minn din is-sentenza ma giex intavolat appell.

F'din is-sentenza l-imputata Grace Gatt giet liberata mill-imputazzjoni li hi flimkien ma' Jonathan Mulligan:
*"Fis-26 ta' Marzu 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda: hadmu agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.*

*Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hadmu jew kienu impjegati bhala gwardjani privati bi ksur ta' wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu."*

Mhux kontestat li l-imputata Grace Gatt f'dik is-sentenza hija l-imputata odjerna. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza issottomettiet li l-imputazzjoni f'dik is-sentenza hija identika ghal dik imressqa fil-kaz odjern. Hija tissottometti wkoll iz-zmien li fih allegatament gie kommess ir-reat f'dik is-sentenza, u cioe *"fis-26 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel"* ikopri precizament il-perjodu imsemmi fic-citazzjoni odjerna. Issa il-perjodu imsemmi fil-kaz odjern huwa *"il-11 ta' Jannar 2007 u matul x-xhur ta' qabel din id-data"* Id-difiza

tissottometti li ladarba z-zewg citazzjonijiet jirrigwardaw l-istess fatt u l-istess imputazzjonijiet, allura tapplika l-eccezzjoni tan-ne bis in edem, minkejja li z-zminijiet huma differenti.

L-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*

Il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mahmud Abudumehdn Tarek** deciza fis-26 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Kif inhu risaput, ir-regola tan-ne bis in idem kif espressa f'dana l-artikolu* (l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali) *hija aktar wiesgha minn kif formulata fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-ne bis in idem ghal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tieghu dak li jkun ikun gie misjub hati jew illiberat u ghal "reati kriminali" ohra komprizi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari, l-Artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt".*

Il-**Prof. Anthony Mamo**, fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali jghid hekk:[2] *"The rule is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita." In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case above-quoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant. Relying on the same facts the prosecution charged them again with defilement of minors. The Court admitted the plea of "res judicata" because the fact was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. … …"*

[1] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[2] Ara **Notes on Criminal Procedure** pag. 43 *et seq.*

Il-**Prof. Mamo** ikompli jispjega illi:[3] *"It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Portelli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above-quoted, has since become settled law. … …*

*But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. "Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. vs. Cassar" 9/1/1954; cfr. also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) … …"* (sottolinear tal-awtur).

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Salvatore Saliba** deciza fit-28 ta' Frar 1953, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk:

*"Biex jista' jinghad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba sentenza precedenti, hemm bzonn li jkun l-istess fatt, fizikament rigwardat (ara art. 521 Kap.12[5]). Ma hux bizzejjed li jinghad li sar fl-istess kontest ta' azzjoni, u intant ikun materjalment distingwibili.*

*F'dan il-kaz, l-imputat ingurja lil Rosina Gauci u, sija pure immedjatament wara, ibbestemmja bl-isem tal-Madonna, skond ix-xhud tal-akkuza u salva kull prova tieghu fil-meritu. Kien hemm ghalhekk zewg fatti, materjalment distingwibili, ghalkemm fl-istess kontest ta' azzjoni fis-sens ta' sekwenza immedjata;*

---

[3] Ara *ibid.* pag. 45.
[4] *Per* Imhallef W. Harding, Vol. XXXVII (D) -IV-1044
[5] Illum l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.

*Il-kaz oppost jillustra d-distinzjoni bejn kaz u iehor. Dan kien il-kaz "Pulizija vs Giuseppe Pace") deciz minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1939. Pace kien imsejjah biex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta' storbju bl-ghajjat u gesti oxxeni. Hu kien gia gie kundannat f'kawza privata talli ngurja lil certa Busuttil. Irrizulta li l-kliem ingurjuzi pproferihom b'lehen gholi, u li l-ingurja kienet tikkonsisti f'dawk il-kliem li hu qal jghajjat u f'dawk il-gesti. Issa, peress li l-imputazzjoni ta' storbju kienet in riferenza ghall-ghajjat ta' dawk il-kliem ingurjuzi u l-gesti kienu dawk l-istess gesti ngurjuzi ghall-indirizz ta' Busuttil, ghalhekk il-fatt f'dan il-kaz kien l-istess materjalment u kien hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni. Hi cara d-differenza mill-kaz presenti."*[6]

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Philip Ciantar** deciza fid-9 ta' Dicembru 1961, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] regghet irribatiet hekk: *"Issa, ghalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt semplicement storiku jew naturali, imma anki guridiku (Kollez. Vol. XIX-IV-1), b'mod illi jekk il-fatt naturali jaghti lok ghal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wiehed hija ta' ostakolu ghad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat iehor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, pero, li jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistghax ikun hemm lok ghal "non* (recte ne) *bis in idem."*.

Meta wiehed japplika dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta minn qari, anki wiehed superficjali tas-sentenza tat-12 ta' Novembru 2010, li l-imputazzjonijiet kienu jirrigwardaw rapport li l-Pulizija kienet irceviet minghand Lucian Caruana li l-imputati f'dik il-kawza kienu gew inkarigati bhala private investigators minn martu sabiex isegwu l-movimenti tieghu.

Ghalkemm l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma fis-sustanza identici, u jista' jkun hemm xi *overlapping* fil-perjodu ta' zmien taz-zewg citazzjonijiet, l-allegazzjonijiet fil-kaz odjern bl-ebda mod m'huma konnessi mal-allegazzjonijiet ta' Lucian Caruana, u fil-fatt ma jissemma mkien fix-xhieda u fil-provi prodotti, hlief fis-sentenza fuq citata, li ovvjament giet ezebita. Il-Pulizija istitwew il-proceduri ghaliex Salvu Grech, missier Laura Grech, Charlot Tabone u Gerald Quintano allegaw li inkarigaw lill-imputata Grace Gatt bhala investigatur privat separatament, biex f'kull kaz ittihom is-servizzi partikolari li riedu minghandha, u Costantino

[6] Ara fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet **Stella Schembri v. Anthony Cassar** deciza fid-9 ta' Jannar 1954 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef W. Harding, Vol. XXXVIII (C) -IV-778.
[7] *Per* Imhallef W. Harding, Vol. XLV(E)-IV-1097.

Pawney allega li kien jahdem ghaliha, fir-rigward tas-servizzi mitluba minn Gerald Quintano. Il-fatti tal-kaz allegati minn kull wiehed minn dawn it-tlett persuni m'huma bl-ebda mod konnessi ma xulxin, u wisq inqas konnessi mal-fatti tal-kaz ta' Lucian Caruana.

Konsegwentement, il-fatti ta' Lucian Caruana u l-imputazzjonijiet fis-sentenza tat-12 ta' Novembru 2010 huma materjalment distingwibbli mill-fatti li huma l-mertu tat-tlett allegazzjonijiet fil-kawza odjerna.

Id-difiza ticcita in sostenn tat-tezi taghha s-sentenza **Il-Pulizija vs Fabio Zulian** deciza fit-12 ta' Mejju 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[8], fejn giet milqugha l-eccezzjoni tan-ne bis in edem. Pero minn ezami akkurat ta' din is-sentenza, huwa car li gie deciz fiha hu li wara li Qorti, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, ordnat l-arrest immedjat ta' l-imputat f'dik il-kawza, ghaliex hareb minn Malta, irrevokatlu l-helsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depozitu u l-garanziji kollha minnu depozitati, hija ma setghetx fuq talba sussegwenti tal-Avukat Generali tikkundanna lill-istess imputat €1,000 ghal disprezz *in faciem curiae*, talli minkejja li fir-rikors tieghu biex jigi awtorizzat isiefer, huwa iddikjara falzament li kellu diga depozitati fil-Qorti is-somma ta' €24,000, u ordnatlu li jiddepozita s-somma ta' €24,000 u li, jekk jonqos li jaghmel il-pagamenti opprtuni fi zmien gimgha, is-somma globali ta' €24,293.73 kellha tigi konvertita fi prigunerija. Iz-zewg digrieti kienu jikkoncernaw l-istess fatt – l-awtorizazzjoni tal-imputat sabiex isiefer, b'dan li kellu jkun hemm depozitu ta' €24,000 u n-nuqqas tieghu li jirritorna lura Malta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet korrettement illi ladarba l-Qorti kienet aggudikat lill-imputat fuq ghan-nuqqasijiet tieghu b'digriet, hija ma setghetx terga' timponi sanzjonijiet ulterjuri fuqu b'digriet sussegwenti ghall-istess nuqaasijiet, anke jekk irrizulta sussegwentement li s-somma li kellu tigi depozitata bhala garanzija ghar-ritorn tieghu Malta, ma kienitx effettivament giet hekk depozitata. Konsegwentement, il-fattispecje tal-kaz f'din is-sentenza huma totalment differenti minn dawk odjerni, u m'humiex applikabbli ghal kaz odjern.

Il-kaz odjern jista' jigi mqabbel ma' dak ta' imputat li jkun gie liberat b'sentenza minn imputazzjoni ta' serq mir-residenza ta' persuna A fi zmien partikolari f'post partikolari, u mbaghad jitressqu proceduri kriminali kontrih talli allegatament bejn wiehed u iehor fl-istess perjodu, huwa jkun seraq ukoll ir-residenzi ta' persuni C, D u E li jinsabu f'postijiet diversi

[8] *Per* Imhallef David Scicluna.

minn xulxin u minn dik ta' A. Certament hadd mhu se jghaddilu mit-trafanal ta' mohhu, li jghid li ghax ir-reat huwa l-istess wiehed, dak ta' serq aggravat, allura it-tieni proceduri kriminali huma bbazati fuq l-istess fatt tas-sentenza dwar is-serq tar-residenza tal-persuna A.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tistax tara kif l-eccezzjoni tan-ne bis in edem tista' tigi milqugha.

*It-Tieni Kwistjoni – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati*

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016, id-difiza gibdet l-attenzjoni tal-Qorti li l-istqarrijiet tal-imputati gew maghmula lill-pulizija minghajr l-offerta ta' assistenzja legali u ghalhekk ghandhom jitqiesu inutilizzabbli.

Din il-Qorti hija obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Inoltre, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tiskarta dak kollu li l-imputati qalu lill-Ispettur (illum Supretendent) Carmelo Bartolo qabel l-interrogatorju – meta ghalkemm f'mohh l-ispettur huma kienu suspettati li kkommettew diversi reati, ghax hekk kellu informazzjoni li ghamlu – hu mhux biss ma tahomx id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat, izda lanqas tahom is-solitu twissija li ghandhom id-dritt li jibqghu siekta u li ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija, sabiex ikunu jistghu jezercitaw id-dritt fundamentali taghhom li jibqghu siekta. Anki jekk verament l-imputati volontarjament fethu qalbhom mieghu qabel l-interrogatorju – la darba f'mohhu kienu suspettati li kkommetew diversi reati – kien id-dover tieghhu li jwaqqafhom fil-pront malli kienu se jibdew jitkellmu, u jinfurmahom bid-drittijiet taghhom.

*Il-Meritu*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsdra l-imputazzjonijiet wahda wahda. L-ewwel imputazzjoni biss hija moghtija fil-konfront taz-zewg imputati, l-imputazzjonijiet l-ohra huma moghtija fil-konfront tal-imputata Grace Gatt biss.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Hidma ta' Gwardjani Privati minghajr Licenzja*

Din l-imputazzjoni giet moghtija fil-konfront taz-zewg imputati. Mill-provi jirrizulta li l-ebda wahda miz-zewg imputati ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex taghmel xoghol ta' gwardjan privat fiz-zmien rilevanti.[9] L-imputata Lourdes Castillo qatt ma applikat ghal tali licenzja, fil-waqt li l-imputata Grace Gatt applikat ghal licenzja f'Gunju tal-2007, izda t-talba taghha giet rifjutata fit-3 ta' Awwissu 2007.

Il-Qorti sejra tikkunsidra l-provi migjuba fil-konfront ta' kull wahda miz-zewg imputati.

Ix-xhud Charlot Tabone xehed[10] li kellu bzonn is-servizz ta' investigatur privat, sab riklam ta' dan is-servizz li fuqu kien hemm numru ta' telefon cellulari, u meta cempel fuq dan in-numru kellmitu l-imputata Grace Gatt. Sussegwentement iltaqa' maghha u spjegalha s-servizz li ried u ftehmu li hija kellha tithallas LM250.00 ghal dan is-servizz taghha. Hi ezegwiet is-servizz li hu talabha, u hu hallasha. Fil-fatt hija taghtu ricevuta awtentikata tal-VAT li giet ezebita in atti.[11] Il-persuna registrata fuq din l-ircevuta tal-VAT hija "Grace Gatt, Private Investigation Malta, Pjazza Vittorja, Naxxar NXR 04", u dan gie konfermat minn Paul Scicluna, Spettur tal-VAT gewwa l-ufficju legali tal-istess dipartiment.[12] Pero f'din l-ircevuta ma hemmx indikata d-data meta nharget, pero Tabone xehed li s-Supretendent Bartolo kien baghat ghalih biex ikellmu fuq din il-kwistjoni f'xi zmien fis-sena 2007, izda ma ftakarx id-data. Ghalhekk, ma jistghax jigi determinat b'certezza jekk l-imputata Grace Gatt tatx is-servizzi taghha qabel jew wara l-11 ta' Jannar 2007 – id-data msemmija fl-ewwel imputazzjoni.

[9] Ara xhieda ta' PS443 Vincent Mifsud a fol. 65 *et seq.* tal-process.
[10] Ara fol. 82 *et seq.* tal-process.
[11] A fol. 84 tal-process.
[12] Ara fol. 104 tal-process.

Ix-xhud Gerald Quintano xehed[13] li peress li ohtu kellha problemi matrimonjali ma zewgha Spiridione D'Amato, hu inkariga investigatur privat sabiex isegwi l-passi ta' D'Amato. Hu spjega li l-investigatur privat li qabbad kien ragel, u ghamel kuntatt mieghu ghax ra reklam ghal servizz ta' investigatur privat, u cempel fuq in-numru tal-mobile li kien hemm u wiegbu dan ir-ragel. Huwa kien ghadda ritratt ta' D'Amato lil dan ir-ragel, u fil-fatt ikkonferma li dan kien ir-ritratt ezebit f'dawn l-atti, li instab fuq il-persuna ta' Constantino Pawney fil-hin li gie arrestat *in flagrante delicto* hdejn ir-residenza ta' D'Amato jigbed il-filmati.

Quintano ma qalx id-data meta hu qabbad lil dan l-investigatur, pero mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo jirrizulta li l-ewwel rapport li ghamel D'Amato mal-Pulizija li kien qed jigi segwit kien fit-2 ta' Jannar 2007. D'Amato ghamel rapport iehor fit-12 ta' Jannar 2007 fl-istess sens, u dak in-nhar kien inqabad Constantino Pawney qed jigbed il-filmati. Wara li ntemmu l-proceduri kriminali kontrih, Pawney xehed f'dawn il-proceduri,[14] fejn qal li gie avvicinat minn Jonathan Mulligan biex jassistih fuq xoghol ta' investigatur privat u accetta. Huwa qal li Mulligan kien jahdem ghal persuna bl-isem Grace Gatt, l-imputata, u spjega li Mullighan laqqghu maghha u li hi ghamlitlu speci ta' *interview* id-dar taghha n-Naxxar, u qaltlu biex jiehu l-istruzzjonijiet minghand Mulligan. Huwa qal li sussegwentement ghamel zewg bicciet ta' xoghol, darba segwa ragel, u darb'ohra segwa lil D'Amato, pero dak in-nhar li beda jsegwi lil D'Amato, hu inqabad mill-pulizija. Kien Mullighan li kien tah ir-ritratt ta' D'Amato, li l-Pulizija sabu fuqu.

Salvu Grech xehed[15] li kien sab riklam f'xi magazine ghall-provvista ta' servizzi ta' investigatur privat u kien cempel fuq in-numru indikat f'dan ir-riklam, u kellmitu l-imputata Grace Gatt. Kien iltaqa' maghha u talabha issiblu lil bintu Laura Grech ta' tmintax-il sena li kienet telqet mid-dar u ma kienx jaf fejn qed toqghod, u talabha biex jekk issibha tikkonvinciha sabiex tmur lura d-dar tieghu. Jghid li ghal dan ix-xoghol l-imputata Grace Gatt talbitu LM500.00. Fil-fatt, Grace Gatt kien irnexxiela titracca lil bintu u laqqghatu maghha, izda t-tifla ma rieditx tmur id-dar mieghu. Hu kien hallasha il-flus li kienet talbitu u cioe LM500.00. Grech gharaf ir-riklam li kien ra, li jinsab ezebit fl-atti ta' dawn il-proceduri.[16]

[13] Ara fol. 130 *et seq.* tal-process.
[14] Ara fol. 91 *et seq.* tal-process.
[15] Fol. 160 tal-process.
[16] Ara fol. 34 tal-process.

Dan ir-riklam hu intestat "Private Investigation Agency" u hemm elenkati uhud mis-servizzi ta' investigazzjoni li toffri l-Agenzija flimkien ma' numru tal-mobile.

Grech ma indikax iz-zmien meta inkariga lill-imputata Gatt, pero mix-xhieda tieghu jirrizulta li kienet is-sena 2006. Mix-xhieda tas-Supretendent Bartolo jirrizulta li Laura Grech kellmitu dwar l-agir tal-imputata Gatt fit-23 ta' Ottubru 2006, li l-imputata Gatt kienet haditha tkellem lil genituri taghha fil-15 ta' Ottubru 2006.[17] Fix-xhieda taghha, Laura Grech[18]qalet li hi kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha f'Awwissu 2006, u li t-tieni darba li ltaqghet mal-imputata Grace Gatt u kienet fil-karozza maghha, din qaltilha li hi kienet investigatur privat u li ommha u missierha kienu avvicinawha biex tfittixha u effettivament haditha tiltaqa' mal-genituri taghha, anke jekk inizjalment kienet kontra l-volonta taghha.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputata Grace Gatt.

Fir-rigward tal-imputata Lourdes Castillo, l-unika darba li ssemma isimha izda mhux kunjomha hu mix-xhud Laura Grech li qalet li darba kienet irceviet messagg fuq il-mobile minghand xi hadd jismu Lourdes fejn qaltilha "ommok hallietli l-pilloli mieghi".[19] Laura Grech xehdet li hi ma tantx fehmitu dan il-messagg peress li ma kinietx ghadha tiehu pilloli, u ma tiftakarx jekk kienitx irrispondietha b'messagg jew le. Ix-xhud ma qalitx jekk kienitx taf min kienet din Lourdes jew le.

F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni kontra Lourdes Castillo.

<u>*It-Tieni Imputazzjoni – Impjieg ta' persuni bhala Gwardjani Privati meta ma kellhomx licenzja ghal dan il-ghan*</u>

Il-Prosekuzzjoni qed isserrah din l-imputazzjoni principalment fuq ix-xhieda ta' Costantino Pawney li qal li Jonathan Mulligan kien qallu li l-imputata Grace Gatt kienet l-imghallma

[17] Ara fol. 14 *et seq.* tal-process.
[18] Ara fol. 152 tal-process.
[19] Ara fol. 160 tal-process.

tieghu, u hadu ghandha biex taghmillu interview qabel jibda jahdem ta' investigatur privat, u mill-provi jirrizulta li Pawney ma kellux licenzja biex jahdem ta' investigatur privat. Pawney jghid ukoll li Mullighan qallu li l-imputata Gatt kienet ex Pulizija u li kellha kumpanija ta' investigatur privat, pero ma kienx jaf l-isem tal-kumpanija.

Min-naha l-ohra, wara li spiccaw il-proceduri kriminali kontrih, Jonathan Mullighan xehed[20] li huwa kellu socjeta tieghu bl-isem Malta Personal Services Limited li b'effett mil-11 ta' Settembru 2007 giet licenzjata biex tahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati ghal zmien sena.[21] Skond il-licenzja mahruga, is-socjeta ma kellhix gwardjani privati impjegati. Pero hu xehed li Grace Gatt kienet impjegata tas-socjeta tieghu bhala Public Relations Officer. Mullighan cahad li xi darba Costantino Pawney ghamel xi xoghol mieghu.

Apparti li l-licenzja fuq is-socjeta ta' Mullighan inharget xhur wara d-data tal-imputazzjoni in kwistjoni, dan ix-xhud kien evaziv hafna fir-risposti tieghu, u sofra amnesija fir-rigward ta' dak kollu li xehed fuqu Costantino Pawney, ghalkemm qal li jafu ghax it-tnejn min-Naxxar. Din il-Qorti lanqas temmen lil dan ix-xhud meta jghid li Grace Gatt kienet biss Public Relations Officer tas-socjeta tieghu – li incidentalment huma t-tnejn kienu l-unici zewg impjegati – meta mill-provi jirrizulta, kif spjegat aktar il-fuq, li ghall-inqas lejn l-ahhar xhur tas-sena 2006, Grace Gatt kienet tahdem bhala investigatur privat u iggib ir-riklami fejn taghti n-numru tal-mobile taghha.

Il-Qorti issib il-verzjoni tal-fatti ta' Costantino Pawney bhala iktar kredibbli u illum hija dottrina stabbilita fil-kamp penali, li ma hemmx bzonn li dak li jghid xhud li jkun komplici f'delitt jigi korroborat minn xhieda ohra, stante li jekk emmnut, dina wahidha hija bizzejjed ghas-sejbien ta' htija (ara Artikolu 639(4) tal-Kodici Kriminali). Pero fl-opinjoni tal-Qorti, xorta ma giex stabbilit sal-grad tal-prova rikjesta fil-kamp kriminali, it-tip ta' relazzjoni bejn l-imputata Gatt u Mulligan – jekk kienitx verament wahda ta' impjieg, kif Mullighan qal lil Pawney, jew jekk kienitx wahda ta' shab fin-negozju, stante li Pawney xehed li hu kellu jiehu l-istruzzjonijiet minghand Mulligan. Jekk l-imputata Gatt kienet qed tiggestixxi agenzija ta' gwardjani privati, ma jaghmilx sens li hi ma zzommx kontroll fuq l-impjegati taghha, imma tiddelega dan il-kontroll lil impjegat iehor. Dan iktar u iktar, meta mill-provi ammissibbli ma jirrizultax li kien hemm aktar persuni jahdmu maghha.

[20] Ara fol. 174 tal-process *et seq.*
[21] Ara fol. 73 tal-process.

Konsegwentement, it-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*It-Tielet Imputazzjoni – Arrest illegali ta' Laura Grech*

It-tielet imputazzjoni hija li fil-15 ta' Ottubru 2006, l-imputata Grace Gatt arrestat illegalment lil Laura Grech kontra l-volonta taghha bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi hekk *"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn: ... ..."*

Issa mix-xhieda ta' Laura Grech jirrizulta li dak in-nhar hija kienet rikbet fil-karozza ta' Grace Gatt biex din tohodha d-dar taghha biex taghti lezzjoni privata lit-tifla taghha, kif diga kienet ghamlet darb'ohra. Pero, din id-darba, wara li Laura rikbet il-karozza mill-Hamrun, Grace Gatt sakkret il-karozza bis-central locking, u qaltilha li hi kienet investigatur privat u li kienet giet inkarigata mill-genituri taghha biex issibha u tohodha hdejhom. Ghalkemm Laura qalet lil Gatt li hi ma rieditx tiltaqa' maghhom, Gatt baqghet issuq. Pero ma jirrizultax li Laura ghamlet xi rezistenza partikolari. Fil-fatt ma rrizultax li f'xi hin ippruvat tahrab. Tant hu hekk li Gatt ipparkjat il-karozza H'Attard u marru jiehdu kafe flimkien f'kafeteria maghrufa.

Kieku Laura vera baqghet ma Gatt kontra l-volonta taghha u riedet tahrab, altru li kellha c-cans kollu li tipprova taghmel dan, huma u mixjin lejn il-kafetterija jew lura lejn il-karozza, jew issejjah l-ghajjut waqt li kienu fil-kafetterija. Kif qalet Laura stess, ghalkemm fil-bidu irrabjat li l-genituri taghha kienu qabdu investigatur privat, *"qisni xtaqt li niltaqa' maghhom."*[22] Hija qalet li Gatt qatt ma kellmitha bil-herra jew hedditha u lanqas uzat xi tip ta' vjolenza fizika. Xehedet li Gatt qaltilha li mhux bil-fors kellha tmur lura d-dar tal-genituri

[22] Ara fol. 148 tal-process.

taghha, imma huma xtaqu biss li jaraw li hi orrajt u li ma kien jonqosha xejn. Qalet ukoll li Gatt dejjem kellmitha bil-kelma t-tajba.

Laura xehdet hekk *"… … ovvjament jien kont irrabjata li hi* (Gatt) *qaltli li ha mmur tipo d-dar taghha u bqajna mexjin u dahqet bija fis-sens li kienet ha tiehodni, kienet diga miftiehma ma' ommi u ma missieri, imma fis-sens ma gielitnix. Fis-sens wara li morna niehdu kafe kieku ridt stajt qbadt u ghidtilha "m'inix diehla rega' fil-karozza … … Buona volonta tieghi ergajt mort fil-karozza maghha."* U meta regghet dahlet fil-karozza ta' Gatt, Laura kienet taf tajjeb li Gatt se tlaqqaha mal-genituri taghha, kif effettivament gara. Wara li ltaqghet mal-genituri taghha, effettivament Laura iddecidiet li ma tmurx lura d-dar taghhom, u Gatt regghet haditha lura fir-residenza fejn kienet qed toqghod.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, ghalkemm huwa vera li l-imputata Gatt induciet lil Laura tidhol fil-karozza taghha b'ingann, madanakollu ma jistghax jinghad li kien hemm l-estremi ta' arrest jew sekwestru illegali. Ghalkemm naturalment ghal bidu Laura kienet irrabjata u bezghet x'kienet se taghmel Gatt, pero Gatt fehmitha bil-kelma t-tajba il-hin kollu, u Laura imbaghad ikkalmat tant li marru jiehdu kafe flimkien, u dan kollu gara f'distanza qasira bejn il-Hamrun u H'Attard. Laura ammettiet li anke hi xtaqet li tiltaqa' mal-genituri taghha.

Konsegwentement, lanqas din l-imputazzjoni ma giet debitament ippruvata.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Serq ta' oggetti tal-ikel*

Ir-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputata Gatt hi li ikkommettiet serq ta' oggetti tal-ikel mill-Isptar San Luqa, u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, jew terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ammissibbli skond il-ligi, sabiex tipprova din l-imputazzjoni, u konsegwentement din l-imputazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata skond il-ligi.

*Il-Hames Imputazzjoni – Kommissjoni ta' reat li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi*

Il-hames imputazzjoni kontra l-imputata Gatt hija li nhar is-27 ta' Mejju 2007, u matul is-snin ta' qabel din id-data, saret hatja ta' reat li kella tissorvelja biex dan ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

Kif inghad iktar il-fuq, il-Qorti sabet li l-imputata Gatt hija hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha. Mill-provi u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-imputata Gatt kienet membru tal-Korp tal-Pulizija. Fis-17 ta' Mejju 2001 giet interdetta milli tezercita l-poteri u l-funzjonijiet relatati mal-kariga taghha, stante li gew istitwiti proceduri kriminali kontriha, u baqghet hekk interdetta sakemm giet mkeccija mill-Korp tal-Pulizija b'effett mill-21 ta' Dicembru 2006.[23]

Konsegwentement, ghal maggior parti tal-perjodu li fih l-imputata ikkommettiet l-ewwel imputazzjoni, hija kienet ghadha membru tal-Korp tal-Pulizija. Pero, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li matul dan il-perjodu, l-imputata Gatt kienet interdetta, u konsegwentement ma setghetx tezercita l-poteri u l-funzjonijiet relatati mal-kariga taghha, ifisser li din l-imputata la kellha l-obbligu li tissorvelja li r-reat in kwistjoni ma jsirx u lanqas kellha d-dmir li timpedixxi li dan ir-reat isir.

Ghaldaqstant, l-elementi necessarji sabiex ikun hemm dan l-aggravju ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma kienux jezistu fil-kaz odjern.

## Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Dawn il-konsiderazzjonijiet qieghdin isiru fil-konfront tal-imputata Grace Gatt biss, billi l-imputata Lourdes Castillo ma nstabitx hatja tal-unika imputazzjoni dedotta kontriha.

Hija kkunsidrat li l-fedina penali aggiornata tal-imputata Gatt m'hix wahda felici. Hija diga nstabet hatja darb'ohra li f'Marzu tal-2006 hadmet bhala gwardjan privat minghajr licenzja

[23] Ara fol. 40 *et seq.* tal-process.

tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hija nstabet ukoll hatja li fl-2001 ippromoviet gbir ta' fus bi ksur tal-Kapitolu 279 tal-Ligijiet ta' Malta. Aktar ricentement u cioe fis-sena 2017, hija nstabet hatja ta' truffa, li minnha ghamlet qliegh li jeccedi €186,350.00 – pero l-fatti rigwardanti dan il-kaz imorru lura ghas-snin 2004-2005. Ghalhekk jidher li l-imputata ma regghetx ikkomettiet reati ohrajn wara s-sena 2006.

Ir-reat li tieghu l-imputata Gatt instabet hatja hu wiehed kontinwat, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tizdied bi grad ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm il-Qorti hija konxja li l-perjodu operattiv ta' erba' snin tas-sentenza sospiza li l-imputata inghatat fl-ahhar sentenza kontriha ghadu ghaddej, min-naha l-ohra l-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerjarja effettiva mhix wahda idonea fil-kaz odjern, ghaliex jidher li l-imputata ma regghetx xelfet difrejha mal-gustizzja mis-sena 2007 il-quddiem. Pero, il-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-multa ghandha tkun wahda lejn il-massimu permessibbli skond il-ligi.

Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva li ghalkemm fic-citazzjoni l-Prosekuzzjoni talbet li minbarra l-piena stabbilita skond il-ligi, il-hatja tigi skwalifikata minn kull licenzja li tinhareg taht l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kapitolu 389), ghal perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq, il-Prosekuzzjoni naqset li tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi qed taghmel din it-talba. Minn qari tal-Kapitolu 389, ma jirrizultax li din hija wahda mill-pieni li l-Qorti tista' teroga f'kaz ta' reat taht l-istess Kapitolu 389, u konsegwentement din it-talba ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Issib lill-imputata Lourdes Castillo mhux hatja tal-ewwel u unika imputazzjoni dedotta kontriha u qed tilliberha minnha;

2. Issib lill-imputata Grace Gatt mhux hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontriha u qed tilliberaha minnhom;

3. Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Grace Gatt hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed tikkundannaha ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

5. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna lill-hatja Grace Gatt ghal hlas ta' multa ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**